**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2019**

**Talba Nru: 542/2017PM1**

**Rachel Borg (K.I. 334776(M))**

**Vs**

**Justine Cassar Gaspar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2017 illi permezz tieghu ir-rikorrenti talbet li t-Tribunal jordna lill-intimata thallas is-somma ta' tlett elef u hames mitt euro (€3500) rapprezentanti bilanc dovut ghall-prezz tal-bejgh tal-karozza Ssang Yong Actyon Estate bin-numru ta' registrazzjoni ADL628 b'dan li l-intimata hadet il-pussess tal-vettura u wettqet it-transfer relattiv ma' Transport Malta izda qeghda tonqos milli thallas il-bilanc dovut lill-attrici u dan minghajr ebda raguni valida taht il-ligi; bl-

ispejjez u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimata ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 12 ta' Marzu, 2018 li permezz taghha eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi (i) preliminarjament il-vettura kienet parti mill-komunita` tal-assi tal-mizzewgin Borg u ghalhekk it-talba ma setghetx issir biss minn Rachel Borg u (ii) il-kuntratt illi bih xtrat il-vettura ghandu jigi rexiss stante illi l-vettura de quo kienet kolpita minn difett mohbi.

Ra l-kontro-talba tal-istess intimata datata wkoll 12 ta' Marzu, 2018 li permezz taghha talbet li dan it-Tribunal, prevja dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni,

1. Jiddikjara li l-vettura konsenjata mill-konvenuta, senjatament il-vettura Ssang Yong Actyon Estate, bin-numru ta' registrazzjoni ADL628 kienet kolpita b'difett mohbi u li ghal dan in-nuqqas huma responsabbli l-attrici u r-ragel taghha peress li minhabba f'hekk il-konvenuta ma kenitx tixtri l-vettura kieku kienet taf bl-istess difett u dana jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi ;
2. Konsegwentement tordna li l-kuntratt ta' bejgh tal-vettura *de quo* jigi rexiss ;
3. Tordna lill-intimat, in vista tal-obbligazzjonijiet rispettivi taghhom, jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mitejn u hamsin euro (€1250) rapprezentanti il-kapparra fuq il-bejgh tal-vettura mertu tat-talba oltre l-imghax legali fuq dik is-somma mid-data tal-bejgh sad-data tal-pagament effettiv ;
4. Tiddikjara wkoll illi minhabba l-akkadut u partikolarment id-depozitu li qieghed isir tal-vettura in kwistjoni taht l-Awtorita` tal-Qorti tal-Magistrati il-konvenuta sofriet u ser tkompli ssofri spejjez ulterjuri konsistenti f'kiri ta' vettura simili ghal uzu tieghu matul il-prosegwiment ta' din il-kawza ;
5. Tillikwida l-istess spejjez jekk hemm bzonn bl-opra tal-istess perit ;
6. Konsegwentement tikkundanna lill-attrici u ir-ragel taghha sabiex ihallsu lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tac-cedola ta' depozitu li qed issir kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-attrici li huma (sic) minn issa ingunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-attrici ghall-kontro-talba surreferita, datata 6 t'April, 2018 li permezz taghha eccepiet, in succint, illi l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghas-segwenti motivi:

1. Illi preliminarjament qed tigi eccepita n-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' dan it-Tribunal stante li t-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti jezorbitaw il-kompetenza tat-Tribunal u jinnecessitaw stharrig u dikjarazzjonijiet fir-rigward tat-trasferiment tal-vettura Ssang Yong Actyon Estate bin-numru ta' registrazzjoni ADL628 kif ukoll tal-kundizzjonijiet marbuta mal-imsemmi trasferiment
2. In-nullita` tal-azzjoni stante li thallat flimkien kumulu ta' azzjonijiet totalment distinti u separati bi ksur tal-principju *electam una via non datur recursus ad alteram*
3. L-attrici ma tistax tigi kkundannata thallas danni u/jew spejjez gudizzjarji skatenati qabel ma gew ottjenuti dikjarazzjonijiet gudizzjarji mill-qrati kompetenti fir-rigward tal-allegat ksur tal-obbligi kuntrattwali.
4. In-nullita` tat-tielet u s-sitt talbiet billi dawn huma diretti kontra l-attrici u r-ragel taghha Sean Borg li la hu r-ragel tal-attrici u lanqas huwa parti f'dawn il-proceduri.
5. Il-kontro-talba hija guridikament inammissibbli peress li t-talba attrici hija bazati fuq premessi erronji
6. Illi l-konvenuta ghandha tressaq provi shah u sodisfacenti tal-allegati interpellazzjonijiet imsemmijin minnha
7. Mhux minnu li l-vettura Ssang Yong Actyon Estate bin-numru ta' registrazzjoni ADL628 kienet kolpita minn xi difetti mohbija fil-mument meta gie kristallizzat il-bejgh tal-istess vettura

8. Il-konvenuta hadet il-pussess tal-vettura, ghamlet uzu mill-istess, ottjeniet polza tal-assikurazzjoni u rregistrat it-trasferiment tal-vettura fuq isimha u kompliet taghmel uzu minnha anke wara li rriskontrat il-pretizi difetti.
9. Illi kien biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri li l-konvenuta *ex admissis* u in *mala fede* ghaddiet sabiex tiddepozita l-vettura msemmija taht l-awtorita` tal-Qorti tal-Magistrati .
10. Huwa irrizorju li gew sofferti danni mill-konvenuta meta hija ghamlet diversi gimghat tuza l-istess.

Sema' x-xhieda ta' Rachel u Sean Borg waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju, 2018 (fol. 25 et. seq tal-process).

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Elton Taliana u Kevin Farrugia waqt is-seduta tat-18 t'Ottubru, 2018 (fol. 37 et. seq. tal-process). Ra d-dokumenti ezebiti mill-istess xhieda.

Sema' x-xhieda ta' Marvic Farrugia, PS3 Kevin Grima, Chris Mallia, Philip Micallef u Karen Cremona waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018 (fol. 57 et. seq. tal-process). Ra wkoll id-dokumenti ezebiti mill-istess xhieda.

Ra li waqt is-seduta tas-26 t'April, 2019 l-attrici ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci. Ra wkoll li f'dik is-seduta il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-intimat u ghas-sottomissjonijiet finali bl-intendiment car li wara dik is-seduta l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza.

Ra n-nota tal-avukat tal-konvenuta datata 7 ta' Mejju, 2019 li permezz taghha iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-istess konvenuta.

Ra li l-kawz giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija azzjoni li permezz taghha l-attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc ta' prezz dovut lilha fir-rigward tal-bejgh tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ADL628 lill-konvenuta. Da parti taghha il-konvenuta qed tikkontesta din it-talba billi, fost ohrajn, tallega li jezistu l-estremi ghar-rexissjoni tal-istess bejgh u dana ghaliex tali vettura kienet kolpita minn difett mohbi. F'dan ir-rigward hija intavolat ukoll kontro-talba li permezz taghha qed titlob kemm ir-rexissjoni tal-bejgh u kif ukoll il-likwidazzjoni ta' danni allegatament spettanti lilha bhala konsegwenza ta' tali bejgh. L-attrici tilqa' ghal din il-kontro-talba billi fl-ewwel lok teccepixxi li t-Tribunal odjern m'huwiex kompetenti.

Illi l-art. 730 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** jipprovdi espressament li:

> *L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta'persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.*

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li qabel jinvestiga u jiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna, huwa ghandu jiddetermina proprju l-eccezzjoni tal-inkompetenza tieghu sollevata mill-attrici fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz fit-13 ta' Lulju, 2001 mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. Vs Rose Borg** f'liema kawza l-intimata kienet qed tipprova tirrezisti milli taffettwa hlas fuq kambjali billi tikkontendi li n-negozju kien jirreferi ghal oggett mibjugh li rrizulta li

ma kienx tal-kwalita` pattwita. F'dak il-kaz, filwaqt li kkonfermat in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal odjern sabiex jiddetermina kwistjoni fejn kuntratt ta' bejgh kien qed jigi attakkat, l-Onor. Qorti tal-Appell irreferiet ghall-art. 7(2) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** li jipprovdi espressament li:

> « *It-Tribunal għandu jissospendi l-proċedimenti tiegħu jekk* -
> *(a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eċċezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; u/jew*
> *(b) ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-eżitu tagħha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.*"

L-istess Onor. Qorti tal-Appell gustament ikkonkludiet li:

> *"Infatti ma kellu l-ebda dubbju illi l-azzjoni, kif proposta u bazata fuq talba ghall-kanonizazzjoni tal-hlas ta' numru ta' kambjaliet sic et sempliciter, kienet certament taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal u setghet tigi liberament minnu deciza.*
> *Il-fatt illi t-Tribunal deherlu illi l-eccezzjoni moghtija kienet tali illi, jekk sostnuta, twessa' l-indagini tal-Qorti ghall-mertu li kien jezorbita lil hinn mill-kompetenza tieghu, ma jfissirx illi b'daqshekk kellu jastjeni milli definittivament jikkonsidra dak illi, skond il-ligi, kien jaqa' fil-kompetenza tieghu li kieku ma kienx ghall-eccezzjoni moghtija.*
> *Kien proprju ghalhekk illi* ***<u>l-ligi b'ghaqal tuza t-terminu "jissospendi" il-konsiderazzjoni tieghu u mhux it-terminu "jastjeni" li effettivament kienet kieku tfisser illi l-attur ma</u>***

***kienx jibqghalu rimedju quddiem dak it-Tribunal anke fir-rigward tal-mertu li jkun jaqa' fil-kompetenza tieghu u anke jekk il-konvenut jonqos li jipproponi l-azzjoni prospettata fl-eccezzjoni tieghu u li kienet tinvesti mertu mhux ta' kompetenza tat-Tribunal.*** *Kellu fil-fatt ikun car illi l-azzjoni kif proposta kienet tmur oltre l-kompetenza tat-Tribunal mhux sempliciment bl-ghoti tal-eccezzjoni imma biss meta l-konvenut jiddeduci l-mertu avvanzat fl-eccezzjoni – f'dan il-kaz il-kontestazzjoni dwar il-validita' tal-kuntratt ta' bejgh – quddiem il-Qorti kompetenti. Dan ghaliex it-Tribunal ma jkunx kompetenti illi jinvesti tali mertu li seta' certament ikollu effett dirett fuq it-talba quddiemu in kwantu jkun jiggustifika lill-konvenut milli jhallas dak minnu mitlub. Kien allura ghaqli illi t-Tribunal jistenna sakemm il-Qorti kompetenti tidderimi u tiddeciedi dwar dak il-mertu u konsegwentement li jissospendi l-proceduri quddiemu.*

***Kien ghalhekk li din il-Qorti fil-kawza bl-ismijiet "Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana" deciza in parte minnha fis-27 ta' Ottubru 2000 irriteniet illi f'cirkostanzi bhal dawn il-procedura korretta kellha tkun illi t-Tribunal jissospendi l-procediment u jaghti lill-konvenut terminu qasir u perentorju biex jekk hekk jidhirlu jiddeduci l-pretensjoni tieghu quddiem il-Qorti kompetenti b'azzjoni ghall-annullament tal-kuntratt tal-komprovendita waqt li tirriserva li terga' tiehu konjizzjoni tal-mertu u tiddeciedih f'kaz illi t-terminu minnha moghti jghaddi inutilment jew f'kaz li l-azzjoni tentata lill-konvenut appellat tigi finalment deciza mill-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' tali mertu. Altrimenti s-socjeta' attrici setghet tispicca bla***

***rimedju biex tirrevendika l-jeddijiet taghha kif dedotti bl-avviz.***

It-Tribunal isib li r-ragunament maghmul mill-Onorabbli Qorti tal-Appell huwa wkoll perfettament applikabbli ghall-kaz in ezami fejn, hawn ukoll, permezz kemm tal-eccezzjonijiet taghha u kif ukoll tal-kontro-talba taghha, l-konvenuta qed titlob li dan it-Tribunal jinvesti mertu li certament jista' jkollu effett dirett fuq it-talba tal-attrici imma li, daqstant iehor certament, jezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Tali kompetenza hija limitata ghal talbiet ghal somom ta' flus u mhux ukoll ghat-thassir tal-kuntratti li jwassal sabiex il-partijiet jigu mqeghdin fl-i*status quo ante* inkluz bir-restituzzjoni tal-oggett mibjugh. F'dan ir-rigward dan it-Tribunal kif diversament presjedut diga` kellu l-okkazzjoni jiddeciedi li « *dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza jirrexindi l-ftehim ta' bejgh milhuq bejn il-partijiet u ghalhekk ghandu ghal dan il-ghan, jirrikorri ghal forum iehor* » (**Kurt Bonello v. Matthew Farrugia** deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fl-14 ta' Jannar, 2009). It-Tribunal isib ukoll li l-fatt li fil-kaz odjern l-azzjoni ghar-rexissjoni tressqet permezz tal-kontro-talba tal-konvenuta ma jinfluwixxi bl-ebda mod fuq dak hawn fuq deciz u dana ghaliex, fi kwalunkwe kaz, sabiex dan it-Tribunal jiddeciedi l-mertu tal-azzjoni odjerna huwa ser ikollu tabilfors jikkunsidra u jiddeciedi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li wkoll jirrigwardjaw l-istess mertu tar-rexissjoni tal-kompravendita` liema mertu jezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ulterjorment it-Tribunal huwa pjenament konxju tal-fatt li l-art. 741(b) tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (kif ricentement emendat) jaghti l-fakulta` li jigi ordnat it-trasferiment ta' azzjonijiet minn Qorti jew Tribunal mhux kompetententi ghal tali Qorti li tkun talvolat kompetenti. Mandakollu it-Tribunal huwa tal-fehma li, fic-cirkostanzi partikulari tal-kaz u sabiex tassew issir gustizzja bejn il-partijiet, ma jistax u m'ghandux jigi utilizzat dan ir-rimedju u dana ghaliex, kif intqal hawn fuq – in vista tan-natura tat-talba originali - it-Tribunal huwa u jibqa' kompetenti sabiex jikkunsidra u

jiddeciedi t-talba attrici u kwindi certament li tali azzjoni ghandha tibqa' quddiem it-Tribunal u tigi deciza minnu. Kwalunkwe decizjoni xort'ohra jkun ifisser, kif hawn fuq citat, li t-Tribunal ikun qed jastjeni ingustament milli jikkunsidra u jiddeciedi materja li taqa' fil-kompetenza tieghu. Ma jidhirx li l-art. 741(b) huwa intiz sabiex process jghaddi minn Qorti lil ohra u lura lejn l-ewwel Qorti imma biss li Qorti jew Tribunal mhux kompetenti tghaddi l-azzjoni lil dak it-Tribunal jew Qorti hekk kompetenti sabiex dan ikun jista' jiddeciedi tali kawza. It-Tribunal isib li, fic-cirkostanzi, l-art. 7(2) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdi ghal rimedju aktar opportun u dana billi jzomm lit-Tribunal odjern kompetenti sabiex jiddetermina l-azzjoni attrici soggett ghas-sospensjoni tal-istess azzjoni sakemm il-konvenuta, jekk tassew ghandha interess f'dan is-sens, tressaq l-azzjoni taghha ghar-rexissjoni tal-bejgh quddiem il-Qorti kompetenti.

Konsegwentement it-Tribunal ihoss li, in linea mas-surreferit, oltre milli jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta koncernanti l-kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal, it-Tribunal ghandu, skont kif espressament provdut taht l-art. 7(2) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**, jaghti lill-konvenuta terminu qasir u perentorju biex jekk hekk jidhrilha tiddeduci l-pretensjoni taghha quddiem il-Qorti kompetenti b'azzjoni ghall-annullament tal-kuntratt tal-kompravendita. It-Tribunal ser jirriserva li jerga' jiehu konjizzjoni tal-mertu u jiddeciedih f'kaz illi t-terminu minnu moghti jghaddi inutilment jew f'kaz li l-azzjoni tentata lill-konvenuta tigi finalment deciza mill-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' tali mertu.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kawza *in parte* billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta, jiddikjara ruhu inkompetenti sabiex jiddetermina kemm il-kontro-talba tal-konvenuta kif ukoll il-mertu sollevat mill-konvenuta koncernanti l-validita` o meno tal-bejgh tal-vettura mertu tal-azzjoni odjerna u kwindi f'dan l-istadju, jissospendi l-procedimenti b'dana illi dan it-Tribunal qed jaghti terminu perentorju ta' xahar lill-

konvenuta biex, jekk jidhrilha, tipproponi l-azzjoni ghar-rexissjoni tal-komprovendita quddiem il-Qorti kompetenti skond kif minnha eccepit b'dana wkoll li l-proceduri ghandhom ikomplu wara li tkun finalment deciza mill-Qorti kompetenti l-kawza li kellha tipproponi l-konvenuta fiz-zmien lilha moghti jew, f'kaz li taghzel li hekk ma taghmilx, appena jiskadi dak l-istess terminu inutilment. L-ispejjez relattivi ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza sollevata mill-attrici jigu sofferti mill-konvenuta.